**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima**

**Appell Numru: 468/2016**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Joseph Camilleri**

Iben John imwieled l-Awstralja, fit-28 ta' Jannar, 1972, detentur tal-karta tal-identita' numru 434884(M)

Illum, 08 ta' Jannar 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Joseph Camilleri quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) akkuzat talli f'dawn il-gzejjer nhar is-7 ta' Mejju 2001, u l-erba' (4) xhur ta' qabel, goz-Zurrieq, u fi bnadi ohra f'Malta f'hinijiet differenti,

a) forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura id-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda ta l-ordinanza dwar il-medicini perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni ghall-uzu ta persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mil-President ta' Malta li jforni id-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanefattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regoli ta' l-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G..N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

b) kellu fil-pussess tieghu id-droga kokajina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima tal-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regolament 8 tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emmendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

c) ukoll talli fl-istess lok zmien u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonjiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur ta' l-artikolu 8(a) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

d) ukoll talli biegh jew xort'ohra ittraffika fir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza.

e) ukoll talli fl-istess hin, data u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-regolament 5(i) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 35(B) (li illum saret 40(A)) u 89 (A) (li illum saret 120 (A)) u t-tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha Kap. 31 tal-Ligijiet ta Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat.

f) ukoll talli fl-istess hin, data u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu medicina ristretta u psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-regolament 5(i) tal-Aviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 35(B) (li illum saret 40(A)) u 89(A) (li illum saret 120(A)) u t-tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha Kap. 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

g) u akkuzat ukoll talli ikkommetta dawn ir-reati f'post, fi jew gewwa centru, u jew f'distanza ta' mitt (100) metru mill-perietru ta' post fejn jiltaqghu iz-zghazagh bi ksur ta l-ordinanza dwar il-Professjoni Medika u professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghhom.

h) ukoll talli assocja ruhu ma xi persuna/i ohra f'dawn il-Gzejjer jew barra minn dawn il-Gzejjer sabiex ibiegh jew jitraffika medicina f'dawn il-Gzejjer kontra d-disposizzjonijet tal-ordinanza dwar medicina perikoluza Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta jew ipromwova jew ikkostitwa, organizza jew iffinanzja l-assoccjazzjoni u dan bi ksur tal-Artikolu 22(1) (F) 22(1A) u 22 (1B) tal-ordinanza dwar medicini perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tas-6 ta' Ottubru, 2016 fejn il-Qorti wara li rat l-l-Artikoli tal-Ligi u cioe' GN 292/39, Regolament 4 tar-Regoli ta' 1939 ghall-kontroll intern tad-drogi perikoluzi GN 292/39 kif sussegwentement emendati bil-Kapitolu 101, l-Artikoli 8(a), 22 (1A), 22 (1B) u 22 (1F) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, Regolament 5(i) tal-Avviz Legali 22 tal-1985 kif sussegwentement emendat u 35(B) (li llum saret 40(A)) u 89 (A) (li illum saret 120 (A)) u t-tielet skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li ghandhom x'jaqsmu maghha Kapitolu 31 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 16 tal-Att V tal-1985 kif emendat, sabet lill-imputat JOSEPH CAMILLERI hati tal-akkuzi ta' pussess tad-droga raza mehuda mill-pjanta Cannabis u kokajina u dan f'cirkostanzi meta ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu, u hati tal-akkuza ta' *trafficking by sharing* tad-droga raza mehuda mill-pjanta Cannabis u kokajina u hati tal-akkuza li kellu tali tad-droga raza mehuda mill-pjanta Cannabis u kokajina f'distanza ta' inqas minn mitt metru ta' post fejn jiltaqghu z-zghazagh u ma ssibux hati tal-akkuzi l-ohra u lliberatu minnhom.

Dwar il-piena l-Qorti kienet konxja tal-fatt li llum il-gurnata l-imputat biddel hajtu u m'ghadx ghandu il-vizju mishut tad-droga pero' ma tistax ma taghtix kaz is-serjeta' tal-akkuzi odjerni li dwarhom l-imputat instab hati u ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi kkundannat piena karcerarja effettiva ta' tmintax-il xahar. Oltre dan ikkundannatu ihallas multa ta' elf ewro (€1,000) liema multa tista' tithallas b'rati mensili u konsekuttivi ta' hamsin ewro (€50) ai termini tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ordnat wkoll lill-imputat ihallas l-ispejjez konessi mal-hatra tal-esperti ai termini tal-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ordnat ukoll konfiska tal-oggetti kollha li gew esebiti fil-kawza a favur il-Gvern ta' Malta w ordnat d-distruzzjoni tal-affarijiet relatati mal-abbuz tad-droga.

Rat ir-rikors tal-appellant Joseph Camilleri minnu pprezentat fit-18 ta' Ottubru, 2016 fejn talab lil din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata, billi tikkonfermaha fejn sabitu mhux hati, u fejn nizlet ir-reat ta' traffikar ghal wiehed ta' trafficking by sharing, tibdilha dwar il-kumplament billi tilliberah minn kull imputazzjoni dwar il-cannabis u tibdilha dwar il-pussess aggravat tal-kokaina, billi minflok jigi dikjarat li kien pussess semplici ghall-uzu personali, u tibdilha wkoll konsegwentement dwar l-ispejjez peritali, u tirrevoka dwar l-aggravanti tal-mitt metru, u fi kwalunkwe kaz tibdilha dwar il-piena.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

> (a) s-sapuniet tal-cannabis. Il-Qorti qalet illi d-difiza insistiet li z-zewg xhieda pajzana migjuba mill-prosekuzzjoni ma kienux kredibbli u allura l-akkuzi ma setghux jigu ppruvati. Id-difiza konsistentement qalet illi Elton Brincat kien qieghed jixhed biex jibbenefika mill-artiklu 29 u biex jahbi xturu ghaliex dawk is-sapuniet tal-cannabis kienu filfatt tieghu u ghalkemm dahhalhom fid-dar ta' Joseph Camilleri baqghu tieghu jigifieri ta' Elton Brincat. Elton Brincat pprova johloq l-istorja illi s-sapun tal-cannabis kien marbut ma' taht il-karozza u hu saq bih minn B' Bugia saz-Zurrieq anzi lanqas kien jaf bihom. Dan ifisser li Joseph Camilleri illi jissemma' l-prezz ta' dik id-droga li tasal ghal tliet elef ewro kien mignun daqshekk li jorbotha ma' taht il-karozza li bi ftit caqliq, fit-toroq ta' Malta, tibqa' f postha u ma tintilifx ma' xi hofra jew xi gebla f nofs it-triq. Dik kienet l-impressjoni li prova jaghti Elton Brincat. Id-difiza kienet qed tghid kemm ma kellux ghaliex jitwemmen u tibqa' tishaq illi ghall-istess raguni ma kellux l-esponenti jinstab hati tad-droga Cannabis fl-ammont imsemmi ghaliex dik kienet unikament ta' Elton Brincat.
>
> Pero' l-Qorti jidher li hadet in konsiderazzjoni l-area fejn tkun instabet il-haga u jekk hija ta' Joseph Camilleri mela dak kollu li jkun hemm fiha huwa ta' Joseph Camilleri.

Jirrizulta per ezempju illi kulhadd qabel illi Elton Brincat kellu borza sewda b' zewg sapuniet fuq il-mejda tas-salott.

Mela dik id-droga ghand min kienet? Mhux ghand Elton Brincat kif dejjem sostna Joseph Camilleri u Robert Grixti. Il-punt krucjali kien li dak li kien qed jixhed l-espert Dr. Mario Mifsud kellu jkun illi dik id-droga tal-kannabis setghet tirrizulta fil-konfront ta' Elton Brincat imma mhux li dawk il-hames mija (507.567 grammi) ta' kannabis resin kienu ta' l-esponenti. Jekk xejn ma hemmx prova univoka, ghaliex Elton Brincat huwa kontradett kemm min Joseph Camilleri u kemm min Grixti.

Fix xhieda li taw Joseph Camilleri u Robert Grixti hemm l-istess versjoni li hadd ma mar jaghti ic-cwievet lil Elton Brincat, kif jirrakkonta hu. U kieku veru li Robert Grixti mar hemm bic-cavetta, u l-esponenti kien jaf bil-borza, kien jghid lil Grixti jgibha mieghu u mhux ihalli lil Elton igorru b'dak il-mod stramb u b'perikolu li jintilfu €3000.

Elton Brincat jallega li l-esponenti mess is-sapuniet. Allura l-anqas bidu ta' prova ta' fingerprints jew palm prints, li jorbtu lill-esponenti mas-sapuniet ? U skont il-Qorti 1-500 gramma cannabis kienu tieghu ghax kienu fid-dar tieghu, allura qatt ma messhom u halla impronta ?

(b) Pussess Aggravat

Qed jigi sottomess bir-rispett illi hemm differenza bejn dak li tghid l-ewwel sentenza f parti u f' parti ohra. F' parti tghid illi l-pussess kien ezempju klassiku ta' trafficking by sharing u f' parti ohra tghid illi kien pussess mhux ad uzu esklussiv ta' Joseph Camilleri.

Jekk hemm wiehed l-ohra hija bilfors kompriza u nvoluta. Ghaliex m'ghandhiex tkun reat ghaliha nfisha imma fuq l-istess haga tista' tkun timxi bhala mezz ghal fini.

Illi ghalhekk l-esponenti ma setax jinstab hati tal-pussess aggravat tal-cannabis u tal-kokaina anke ghal din ir-raguni.

Dwar il-kannabis diga' sar l-argument dwar il-kokaina la l-Qorti dehrilha illi tiddefinixxi dak l-uzu bhala trafficking by sharing allura l-pussess aggravat kellu jigi kompriz u nvolut.

(c ) Dwar iI-kokaina. Xehdet Vicky Scicluna u qalet kemm kien lahaq ghodos l-esponenti fid-droga. L-ammont li nstab ghandu f’dawk ic-cirkostanzi ta'vizzju

kienet kompatibbli mal-uzu personali tieghu. Joseph Camilleri seta' nqeda bil-posizzjoni legali tal-lum u jitlob li jigi skartat kull statement li ghamel. Minflok huwa, bniedem mibdul ghal kollox, ta x-xhieda tieghu. Huwa dejjem cahad li l-cannabis kienet tieghu, u fl-istess waqt dejjem accetta li l-kokaina kienet ghall-uzu personali tieghu.

Il-valutazzjoni tal-prova li jaghmel l-akkuzat ghandu tasal sa grad tal-probabbli. Fil-kwadru li pingew tal-esponenti kemm Vicky Scicluna u kemm l-eks Assistant Kummissarju Ciappara, huwa mprobabbli li dak l-ammont kien ghal Joseph Camilleri nnifsu ?

(d) Dwar l-aggravanti tal-mitt metru l-esponenti jissottometti bir-rispett illi l-aggravanti tal-mitt metru kien u huwa mahsub ghal accessibilita' da parti ta' tfal u zghazagh ta' drogi illi jkunu f distanza ta' mitt metru minn fejn huma jiltaqghu.

Jekk wiehed ikollu d-droga u jinqafel f'daru u ma jhalliex liz-zghazagh jidhlu allura hemmhekk ma jkun hemm l-ebda aggravanti ghaliex l-imgieba tal-persuna li kellha d-droga kienet biex titbieghed min-nies u mhux biex tressaq id-droga lejn in-nies. Issa f dan il-kaz partikolari illi wiehed ikun go daru stess, jew li post bhal dak ta' playground lanqas jarah minn fejn ikun joqghod ma jistax jinghad illi kien qieghed jikser l-ispirtu tal-Ligi u sahansitra l-kelma tal-Ligi. Kieku kien qieghed fi triq u minn area fejn jghaddu z-zghazagh biex imorru jiltaqghu x' imkien iehor allura hemmhekk wiehed jifhem illi hemm l-aggravanti. Imma mhux meta wiehed jinqafel fil-kastell tieghu.

(e) dwar l-ispejjez peritali.

L-esponenti gie liberat minn diversi akkuzi, u dan ghandu jirrifletti fuq l- ispejjez li dahlet fihom il-prosekuzzjoni b'akkuza li ma ppruvatx. Ghala ghandu jbati l-ispejjez kollha l-akkuzat ?

Bir-rispett kollu ghandu jinghad li l-ispejjez li ghandhom x' jaqsmu mal-507.567 grammi ta' cannabis resin m' ghandux ibatiehom l-esponenti, lanqas m' ghandu jbati spejjez fuq dawk l-analizijiet l-ohra illi minnhom l-esponenti gie liberat. Tenut kont tas-sottomissjonijiet maghmula f dan l-Appell il-Perizji verament jirrizultaw li saru inutilment.

Dwar il-piena

L-esponenti jidhirlu li il-piena hija verament gravuza. Il-Qorti semmiet illi kien ilu hmistax il sena li bdew il-proceduri. F' sentenza ricenti il-Qorti ta' l-Appell il-Pulizija kontra Malcolm Paul Bugeja kienet fuq traffikar ta' droga u wiehed jerga' jirrepeti t-traffikar ta' droga minn piena ta' sitt xhur habs nizlithom ghal xahrejn

u multa minn elf ewro ghal hames mitt ewro. F' dak il-kaz ukoll il-persuna kienet irrijabilitat ruhha. Rilevanti ghal dak il-kaz, u ghal dan il-kaz, il-kummenti tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali li huma li gejjin.

"Illi meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi inflitta din il-Qorti ma tistax tinjora diversi fatturi li kollha kemm huma ghandhom jigu riflessi fil-quantum ta' l-imsemmija piena li skont il-ligi necessarjament trid tkun wahda ta' inkarcerazzjoni. IlIi fl-ewwel lok kif mistqarr mill-Prosekuzzjoni, l-appellanti ghandu jibbenfika mill-applikazzjoni ta'l-artikolu 29 tal-Kap.101 biex b'hekk il-piena ghandha tigi ridotta b'zewg gradi. Inoltre dan il-kaz ilu issa ghaddej 'il fuq minn disgha snin f’liema perijodu ta' zmien l-appellanti irriforma hajjtu b'mod assolut, ghandu hajja stabbli b'impjieg fiss u anke ifforma familja. Mhux biss izda mill-esperjenza negattiva li ghadda minnha ta' snin iddominat mill-abbuz ta' droga, huwa qieghed issa ighin lil haddiehor li ghaddej mill-istess pjaga bhal dik li kien afflitt minnha hu.

Illi ghalkemm kif inghad f’dawn ic-cirkostanzi l-Qorti kienet tkun moghnija b'ghodda ahjar li kieku setghet taghti piena alternattiva ghal dik tal-prigunerija, madanakollu l-ligi ma taghtihiex din l-possibbilita li tkompli tghin fir-rijabilitazzjoni ta'l-appellanti, izda hija kostretta terga' titfghu lura meta ser ikollha necessarjament tghaddi ghall-inkarcerazzjoni anke jekk ghal zmien qasir bit-tama li din il-piena ma tkunx wahda kontro-producenti ghal progress li sar fil-hajja ta' l-appellanti. Illi ghaldaqstant il-Qorti ser tinfliggi l-piena fil-minimu taghha u bis-setgha moghtija lilha bis-sahha ta'l-artikolu 29 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta din il-piena ser tinzel b'zewg gradi ghal dak li jirrigwarda l-piena karcerarja filwaqt li il-multa ser tonqos bin-nofs."

L-esponenti ghandu jibbenefika mill-artiklu 29 fuq id-droga cannabis, ghax il-versjoni li ta l-prosekuzzjoni kellha bizzejjed f’idejha biex timxi kontra min kien gab id-droga fil-fond tal-esponenti.

Ic-cirkostanzi li ghadda minnhom ghal 15-il sena process huma twal essagerati, u dan ghandu jirrifletti fuq il-piena.

Issa fil-kwadru tal-liberazzjonijiet li hemm fis-sentenza, u s-sejbien ta' sharing, u l-liberazzjoni kompleta li qed tintalab fuq il-cannabis, u li l-kokaina kienet ghall uzu personali, m'ghandux ikun hemm piena karcerarja.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi l-appell intentat mill-appellant huwa dirett unikament lejn is-sejbien ta' htija ghall-akkuzi dwar il-pussess aggravat tad-droga kokajina u cannabis u dan bl-aggravanti tad-distanza u cioe' dawk l-akkuzi bl-ittri (b), (c) u (g). Dan ghaliex fir-rigward tar-reat tat-traffikar l-Ewwel Qorti qieset illi dan jaqa' fil-parametri ta'l hekk imsejjah '*trafficking by sharing*', filwaqt li illiberatu mill-kumplament tal-akkuzi migjuba kontra tieghu.

Jilmenta l-appellant illi l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi billi ma tatx affidament lil verzjoni tieghu tal-fatti fejn allura, fil-fehma tieghu, id-deposizzjoni tax-xhieda Elton Brincat u Robert Grixti ma kenitx wahda kredibbli. Iqies ukoll illi gjaldarba l-Ewwel Qorti sabitu hati illi huwa ghadda d-droga lil terzi unikament sabiex din tigi ikkunsmata minnhom flimkien mieghu fl-istess post u fl-istess hin u cioe' kien hemm dak komunement maghruf bhala *trafficking by sharing*, is-sejbien ta' htija ghar-reat tal-pussess aggravat tad-droga imbaghad kien kontro-sens gjaldarba dan ir-reat huwa wiehed kompriz u involut fir-reat tat-traffikar.

Illi gie stabbilit b'mod kopjuz fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti mal-medda tas-snin illi il-Qorti ta'l-Appell Kriminali ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit ta'l-istess biex tara jekk dik l-Ewwel Qorti kenitx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha1. Huwa biss meta din il-Qorti tasal ghal konkluzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setatx ragjonevolment tasal ghal konkluzjoni li wasslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida u impellenti sabiex din tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. Dan ghaliex l-aggravvji migjuba 'il quddiem mill-appellanti essenzjalment

iduru madwar dan l-apprezzament u jekk il-fatti li ngiebu a konjizzjoni tal-Qorti kenux jaqghu fid-definizzjoni tal-pussess aggravat stabbilit fil-ligi.

Issa qabel ma tinoltra ruhha f'ezami mill-gdid tal-atti u dan sabiex isir dan l-esercizzju, il-Qorti tirrileva illi l-ligi taghna mkien ma' tispecifika illi l-pussess irid ikun wiehed bl-intenzjoni ta' spacc. Il-ligi titkellem dwar il-pussess li jindika li dan mhuwiex ghall-uzu esklussiv tal-hati u dan kuntrarjament ghal-legislazzjoni ingliza u cioe' il-Misuse of Drugs Act 1971 billi hemmhekk il-ligi titkellem car u tond fuq "*possession with intent to supply*", bil-Prosekuzzjoni allura trid necessarjament tipprova tali intenzjoni u cioe' li ser isir xi forma ta' traffikar, haga li mhijiex indikata fil-ligi taghna li titkellem biss dwar il-pussess ta' droga li jindika li dan mhuwiex ghall-uzu esklussiv tal-hati, u mhux il-pussess bl-intenzjoni ta' l-ispacc.

Dan huwa indikat b'mod car fis-sentenza il-Pulizija vs Jason Mallia (02/09/1999) fejn hemm imghallem superjorment:

> **"Dak li l-ligi tirrikjedi hu li jigu pruvati cirkostanzi li jissodisfaw lillQorti sal-grad tal-konvinciment morali "li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. Fi kliem iehor, jekk persuna jkollha pussess ta' droga li mhix bi hsiebha tuza, tali pussess ikun jammonta ghal pussess mhux ghall-uzu esklussiv tal-pussessur, anke jekk il-pussessur ikun ghadu ma ddecidiex kif bi hsiebu jiddisponi altrimenti minn dik id-droga. Bil-kelma "uzu" il-legislatur ried ifisser "konsum", u cioé li l-pussessur juza huwa stess dik id-droga ossia jabbuza minnha billi jikkonsmha. Ghalhekk, persuna li ma jkollhiex il-hsieb li tuza d-droga izda li zzomm dik id-droga ghandha minghajr raguni valida skond il-ligi biex eventwalment tara x'taghmel biha, ikollha mhux biss pussess ta' dik id-droga, izda dak il-pussess ma jkunx jista' jinghad li hu ghall-uzu esklussiv taghha."**

Illi maghmula din id-distinzjoni xortawahda bhal fil-ligi ingliza l-prova tista' issir minn inferenza tac-cirkostanzi tal-kaz fejn il-gurispridenza brittanika tindika hekk.

> ***"Evidence from which intent to supply may be inferred will include at least one or, more usually, a combination of the following factors:***
>
> - ***Possession of a quantity inconsistent with personal use.***
> - ***Possession of uncut drugs or drugs in an unusually pure state suggesting proximity to their manufacturer or importer.***

- ***Possession of a variety of drugs may indicate sale rather than consumption.***
- ***Evidence that the drug has been prepared for sale. If a drug has beencut into small portions and those portions are wrapped in foil or film, then there is a clear inference that sale is the object.***
- ***Drug related equipment in the care and/or control of the suspect, such as weighing scales, cutting agents, bags or wraps of foil (provided their presence is not consistent with normal domestic use).***
- ***Diaries or other documents containing information tending to confirm drug dealing, which are supportive of a future intent to supply, for example, records of customers' telephone numbers together with quantities or descriptions of drugs.***
- ***Money found on the defendant. was considered in R v Batt (1994) Crim. LR 592. It is not necessarily evidence of future supply. It may be evidence of supply in the past but on its own the money is not evidence of a future intent to supply.***
- ***Evidence of large amounts of money in the possession of the defendant, or an extravagant life style which is only prima facie explicable if derived from drug dealing, is admissible in cases of possession with intent to supply if it is of probative significance to an issue in the case R v Morris (1995) 2 Cr. App. R. 69. 18***
- ***Extravagant lifestyle, but only when that is of probative significance to• an issue in the case.[1]"***

Illi maghmula allura din l-esposizzjoni ta' dritt bil-ghan li jigu stabbiliti dawk l-elementi mehtiega sabiex jirrizulta r-reat tal-pussess aggravat tad-droga, huwa bil-wisq evidenti illi hemm distinzjoni bejn dan ir-reat u r-reat tat-traffikar ta'l-istess u dan ghaliex ikun hemm traffikar u komplicita' fit-traffikar meta xi hadd ikun qieghed jghin biex id-droga titmexxa, element li mhuwiex mehtieg kif inghad ghar-reat tal-pussess aggravat. Kwindi ma ghandux ragun l-appellant meta jishaq illi gjaldarba misjub hati tar-reat ta' traffikar, anke jekk bil-kwalifika tieghu ta' l hekk imsejjah "*sharing*", huwa ma setax jinstab hati ukoll tar-reat tal-pussess aggravat ta'l-istess.

Ikkunsidrat:

---

[1] www.cps.gov.uk

Illi minn ezami tal-atti jirrizulta mhux ikkontestat illi l-basket kontenenti z-zewg sapuniet tal-*cannabis* twasslu fl-appartament fejn jirrisjedi l-appellant minn Elton Brincat. Issa l-appellant jikkontendi illi huwa ma kellu xejn x'jaqsam ma' din id-droga u li din kienet proprjeta' ta' Brincat u mhux tieghu li dahhalha ghandu d-dar *ad insaputa* tieghu. Elton Brincat izda ighid bil-kontra meta jishaq illi ghalkemm kien jaf illi fl-vettura li wasal biha ghand l-appellant kien hemm din id-droga, madanakollu kienet mart l-appellant li indikatlu fejn kienet tinsab hekk kif wasal hdejn l-appartament fiz-Zurrieq fejn kienu jirrisjedu l-konjugi Camilleri u dan meta waddbitlu c-cavetta tal-bieb mit-tieqa. Ghalhekk gabarha minn fejn sabha u telaghha mieghu fl-appartament. Din id-droga skont ir-rapport tal-espert Mario Mifsud kienet tikkonsisti f'nofs kilo raza tal-*cannabis*.

Illi l-Ewwel Qorti ma tatx affidament madanakollu lil verzjoni moghtija mill-appellant u qieset illi kemm il-pussess ta' nofs kilo raza tal-*cannabis* kif ukoll id-disgha grammi kokajina b'purita gholja ta' 65%, kien wiehed aggravat billi l-ammont kien jindika li dan ma kienx wiehed ghall-uzu esklussiv tal-hati. Qieset ukoll l-Ewwel Qorti li l-akkuza tat-traffikar ma kenitx tirrizulta ghaliex ma kienx hemm il-prova li l-appellant issupplixxa lil terzi bid-droga ghajr ghal dak li stqarru Elton Brincat u Robert Grixti li huma kienu jmorru izuru lill-appellant fejn hemmhekk kienu jikkunsmaw d-droga flimkien mieghu.

Issa l-appellant, kif inghad, jikkritika d-decizjoni ghaliex qiesha bhala wahda kontradittorja meta l-Ewwel Qorti ghalkemm sabitu hati tar-reat ta' traffikar biss fis-sens illi l-appellant kien ighaddi d-droga lil terzi sabiex jikkonsmaha flimkien maghhom, madanakollu qieset ukoll illi kellu pussess ta' droga f'ammonti li huwa indikattiv li dan ma kienx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Issa mill-provi akkwiziti ma jidhirx illi gie ikkontestat l-fatt illi l-appellant kien jaqsam id-droga li kien ikollu fil-pussess tieghu ma' shabu meta huma kienu jmorru izuruh u dan minghajr hlas. Dan ma ifissirx madanakollu illi hekk kien isir bid-droga kollha li

nstabet fil-pussess tal-appellant. Illi l-ammonti, kif gustament ikkonkludiet l-Ewwel Qorti ma kenux negligibbli u dan meta instabu xejn inqas minn nofs kilo raza tal-*cannabis* u kwazi disa' grammi kokajina ta' purita gholja ta' 65% apparti il-parafernalja l-ohra li huma assocjati mal-konsum tad-droga kif ukoll mat-traffikar ta'l-istess bhal mizien, mgharfa, *sodium bircarbonate* u *citric acid*.

Jidher illi kien maghruf illi l-appellant kien ikollu d-droga fil-pussess tieghu f'ammont mhux limitat ghall-uzu tieghu tant illi tnejn minn shabu kienu sahansitra jmorru ghandu sabiex jigu suppliti bid-droga li kien ikollhom bzonn ghalkemm il-provi f'dan il-kaz huma limitati ghal konsum fl-appartament flimkien mieghu. Mhux biss, izda kuntrarjament ghal dak li jikkontendi l-appellant, kemm Elton Brincat kif ukoll Robert Grixti jikonfermaw illi huwa kien jaf bil-borza bid-droga li kien gablu Brincat, tant illi hekk kif Grixti induna li l-pulizija kienu dahhlu fuqhom fl-appartament huwa heba din id-droga taht il-*cushions* tas-sufan. Din il-Qorti, bhall-Ewwel Qorti qabilha, qatt ma tista' temmen illi l-appellant ma kienx jaf illi Brincat kien gab id-droga fl-appartament u li ghamel dan *ad insaputa* tieghu meta jirrizulta mill-provi illi dawn it-tnejn minn nies kienu midhla ta' xulxin, tant illi anke kienu jikkunsmaw d-droga flimkien.

Illi ghaldaqstant ghal dawn il-motivi l-Qorti hija tal-fehma illi l-Ewwel Qorti setghet kemm fuq bazi legali kif ukoll fattwali issib lill-appellant hati tal-akkuzi tal-pussess aggravat tad-droga kokajina u *cannabis*, kif ukoll tal-akkuza tat-traffikar biss fil-parametri tal-hekk imsejjah *trafficking by sharing*, bic-cirkostanzi kif imfassla fl-atti probatorji jindikaw illi fir-rigward tal-persuni ta' Elton Brincat u Robert Grixti hemm prova illi l-appellant ghaddielhom id-droga biex jikkunsmawha flimkien mieghu, izda wkoll bil-pussess f'idejn l-appellant ta' ammonti xejn negligibbli ta' droga kemm *cannabis* kif ukoll kokajina dan huwa indikattiv illi l-konsum tieghu ma kienx ser isir esklussivament minnu u allura ir-reat tal-pussess aggravat tad-droga jirrizulta wkoll ippruvat.

Illi fir-rigward ta'l-ahhar lanjanza marbuta mal-aggravvanti tad-distanza tal-100 metru minn post iffrekwentaw miz-zaghzagh, l-appellant jikkontendi illi ghalkemm huwa minnu illi din id-distanza tirrizulta, madanakollu ma kellux jigi applikat l-aggravanti ghar-reat li dwaru hu gie misjub hati gjaldarba id-droga instabet fir-residenza privata tieghu u allura ma kien hemm ebda periklu ghan-nies vulnerabbli li kienu fil-hsieb tal-legislatur. Illi anke hawnhekk l-appellanti qieghed jaghti interpretazzjoni zbaljata ta' dritt billi l-ligi tindika illi l-aggravanti tirrizulta jekk ir-reat isehh f'distanza ta' 100 metru jew inqas minn post iffrekwentat mis-zaghzagh. Kwindi gjaldarba ir-residenza tal-appellant hija proprju vicin post u cioe' *playing field* iffrekwentat minn tfal u zaghzagh kwindi l-aggravanti jirrizulta ippruvat. Tant hu hekk illi mill-provi akkwizti jidher illi d-droga kienet tigi supplita u ikkunsmata fir-residenza tal-appellant mhux minnu biss izda anke minn terzi persuni li huwa kien minn jeddu jaghti access ghal fond fejn kien jabita u ghad-droga li kien ikollu fil-pussess tieghu. Ghaldaqstant anke dan l-aggravvju ma jisthoqqlux akkoljiment.

Illi michuda l-aggravji tal-appellant fil-mertu, jifdal li jigi trattat u deciz l-ahhar gravam sottopost ghal gudizzju tal-Qorti  marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti ta' tmintax-il xahar prigunerija u multa ta' elf ewro. L-appellant qed jitlob mitigazzjoni fil-piena fl-ewwel lok ghaliex jishaq illi d-dewmien esagerat ta' dawn il-proceduri li jirreferu ghal akkuzi li jmorru lura ghas-sena 2001 jintitolah ghal tnaqqis sostanzjali tenut kont li d-dewmien ma kienx attribwibbli ghal xi nuqqas minn naha tieghu, fejn inhela hafna zmien ghaliex il-Prosekuzzjoni baqghet titlob differimenti sabiex jintemmu l-proceduri penali kontra Elton Brincat bil-ghan li dan isir xhud kompetenti fil-konfront tieghu. Fit-tieni lok jikkontendi illi gjaladarba huwa ndika lil persuna ta' Elton Brincat bhala l-fornitur tad-droga cannabis li nstabet fil-pussess tieghu, allura huwa kellu jibbenifika mill-applikazzjoni tal-artikolu 29 tal-Kap.101 fil-konfront tieghu.

Illi l-Qorti tistqarr minnufih illi l-appellant ma ghandux ragun f'dan l-ahhar argument minnu ventilat. Dan ghaliex jirrizulta mill-provi illi huwa qatt ma ikkopera mal-pulizija

fl-investigazzjonijiet u kien biss meta xehed fil-qorti illi ndika illi d-droga li dahhlet fl-appartament tieghu ma kenitx proprjeta tieghu izda ta' Elton Brincat. Issa sa dan iz-zmien kienu diga ittiehdu proceduri penali kontra Elton Brincat, liema proceduri kienu diga gew konkluzi tant illi Brincat sar xhud kompetenti fil-kaz istitwit kontra tieghu. Kwindi l-Qorti ma tara li hemm ebda motiv li jista' igieghlha tapplika l-artikolu 29 tal-Kap.101 fil-kalibrazzjoni tal-piena.

Illi fir-rigward tat-tnaqqis li l-appellant qed jippretendi minhabba d-dewmien tal-proceduri, jirrizulta mis-sentenza appellata ill l-Ewwel Qorti hadet dan il-fattur in konsiderazzjoni meta giet biex tikkalibra l-piena tant illi anke hadet in konsiderazzjoni l-fatt illi l-appellant f'dan il-perijodu ta' zmien anke rriforma hajtu. Fil-fatt il-piena erogata mill-Ewwel Qorti tqarreb aktar lejn il-minimu meta l-parametri tal-piena ghar-reat li dwaru l-appellant instab hati huwa dak tal-prigunerija ta' bejn sitt xhur u ghaxar snin u multa ta' bejn €465.87 u €11,646.87.

Illi fir-rigward tal-ilment imqajjem mill-appellant illi m'ghandux ibati l-ispejjez kollha relatati mal-hatra ta' esperti f'dawn il-proceduri billi huwa gie illiberat minn uhud mill-akkuzi lilu addebitati, din il-Qorti taghmel referenza ghall-elenku dettaljat maghmul mill-Ewwel Qorti fid-*decide* taghha minn fejn jirrizulta illi l-ebda wiehed mill-ammonti li gie ikkundannat ihallas l-appellant jirreferi unikament ghal xi akkuza jew akkuzi li minnhom huwa gie illiberat, u ghaldaqstant ghal din ir-raguni ma ghandu jkun hemm l-ebda temperament lanqas f'din il-kundanna.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier taghha.

(ft) Imhallef

Vera Kopja

Joyce Agius

Deputat Registratur